KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 368It-Tnejn 11 ta' Marzu, 2019**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fil-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sra. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier (daħal fis-7.30pm)
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sra. Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**368.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Sindku qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Clayton Cutajar.

**368.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-minuti tas-Seduta preċedenti.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

368.2.1 366.7 Is-Sindku infurmat li irċevejna draft tal-ftehim biex il-Kunsill jirrevedieh u jiġi ffirmat. Ġejna infurmati wkoll li it-tutors għall-lezzjonijiet issuġġeriti mhumhiex disponibbli, u għaldaqstant irridu nipproponu alternattiva ta' attivitajiet.

368.2.2 366.8 Is-Sindku infurmat li l-formola tac-change Request għal dan il-proġett issa ġiet finalizzata u għaddiet għand is-Segretarju Permanenti għall-firma, qabel tiġi proċessata mill-Managing Authority. Is-Sindku qalet ukoll li ġiet ippublikata is-sejħa għat-Tender for resurfacing of Siggiewi Rural Roads' taħt din il-Miżura. Is-sejħa tagħlaq fil-25 ta' Marzu 2019 fl-10.00am.

368.2.3 366.9 Is-Sindku infurmat li l-Mozzjoni kif emendata ġiet mibgħuta lir-residenti. Is-Sindku infurmat ukoll li intbagħtet is-sejħa għall-expression of interest għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli bil-kundizzjoni kif deċiża fil-mozzjoni.

368.2.4 366.15.1 Is-Sindku infurmat li ir-Reġjun kien qed jiddiskuti li jkun hemm DPO fuq bażi ta' Reġjun, u anka DP Auditor, u li żżomm il-Kunsill aġġornat bl-iżvilupp fuq dan.

368.2.5 Is-Sindku proponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 366.
Il-Kunsill unanimament approva il-Minuti.

368.2.6 Is-Sindku proponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 367 (Seduta b'Urgenza)
Il-Kunsill unanimament approva l-Minuti.

**368.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

368.3.1 **Riforma swieq fil-Beraħ**

Is-Sindku irreferiet għar-riforma tas-swieq fil-beraħ, u li preżentement is-suq li jarma fi Triq Sta. Margerita imur kontra bosta kriterji fir-riforma, fosthom qiegħed f'post mhux adattat. Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li fil-passat diġa kien hemm diskussjonijiet fuq is-suġġett u li l-Kunsill kien ippropona post alternattiv, iżda l-maġġoranza tan-nies tal-lokal ma qablux għalhekk baqa kollox kif kien. Is-Sindku proponiet li tissejjaħ laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti.

368.3.2 **Riforma Gvern Lokali**

Is-Sindku irreferiet għall-booklet tar-riforma tal-Gvern Lokali u qalet li kopja ta' dan ġiet mgħoddija lil kull Kunsillier għall-attenzjoni tagħhom.

368.3.3 **Espressjoni ta' interess għat-tħawwil ta' siġar**

Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ġie mitlub jekk hux interessat li jikseb siġar ġodda bil-għan li jitħawlu fil-lokalità. Hija ssuġġeriet il-park ta' Għar Lapsi, fl-outdoor gym u fir-roundabout Ta' Kilpa. Hija talbet lill-Kunsilliera biex jekk hemm xi siti oħra jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv.

368.3.4 **Applikazzjoni SPI3/2019 - Fond għaż-żamma u l-Manutenzjoni ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**

Is-Sindku irreferiet għall-applikazzjoni SPI3/2019, u proponiet li sussegwentement għal xogħlijiet ta' resurfacing li sar minn TM, il-Kunsill japplika għaż-żamma, sinjali u marki tat-traffiku, tindif u tisbiħ minn Triq Mons. Mikiel Azzopardi għal Ta' Kilpa, għat-triq Ta' San Niklaq u l-area quddiem il-Kappella ta' San Niklaw, u b'mod partikolari it-tindif straordinarju (mekkanizzat) fit-triq lejn Għar Lapsi, mit-trabijiet tat-trakkijiet. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

368.3.5 **Ftehim mas-Siġġiewi Football Club u mas-Siġġiewi Basketball Club**

Is-Sindku qalet li l-ftehim maż-żewġ clubs ġie finalizzat. Is-Sindku proponiet li l-ftehim ikun operattiv għal 10 snin bl-istess kundizzjonijiet, u li l-ewwel pagament, jiġi preżentat waqt l-attivita' sportiva tat-23 ta' Marzu. Il-Kunsill qabel unanimament.

**368.4 Tenders**

368.4.1 Is-Sindku infurmat li it-Tender 'Re-surfacing of Siggiewi rural Roads under Measure 4.3 of teh European Agricultural Fund for Rural development' ġie ppublikat u jagħlaq fil-25 ta' Marzu 2019.

368.4.2 Is-Sindku infurmat ukoll li waqt il-proċess tal-evalwazzjoni tat-tender tal-Knis LCS71/18, il-bord iltaqa' ma' problema legali, u intalab parir legali.

**368.5 Xogħol infrastrutturali – Toroq**

368.5.1 Is-Sindku infurmat li l-istima għall-manutenzjoni tal-bankini fi Triq Ta' Brandin hija ta' €30,000 u l-parti mkissra fi Triq Blat il-Qamar €36,000. Hija proponiet li jibda l-proċess għax-xogħol tal-bankina fi Triq Ta' Brandin mill-iktar fis. Il-Kunsill qabel unanimament.

Hija infurmat lill-Kunsill li jekk ikun hemm xi ilmenti ta' tiswija minima ta' bankini tista ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

368.5.2 Is-Sindku infurmat li l-istima għat-traffic management ġdid fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi u għoti ta' wiċċ ġdid fil-parti li qed tisfronda in-naħa ta' Dar iż-Żernieq, taqbeż il-miljun ewro u għalhekk mhix fattibbli li ssir mill-Kunsill.. Is-Sindku qalet li għandha ssir talba lill-Infrastructure Malta. Il-Viċi Sindku propona li ssir laqgħa ma' IM dwar din il-problema biex tinstab is-soluzzjoni mill-iktar fis possibbli.

368.5.3 Is-Sindku infurmat li wara insistenza mill-Kunsill, twaħħlet il-guard rail fi Trejqet l-Anġli minn TM.

368.5.4 Is-Sindku qalet li l-Kunsill ġie infurmat mill-WSC li imminenti ser jibda x-xogħol fi Triq it-Tiġrija, u li t-triq ser tingħalaq għat-traffiku. Ix-xogħol huwa stmat li jdum madwar xahar. Is-Sindku talbet lill-WSC biex jieħdu l-provvedimenti kollha meħtieġa biex jiġi evitat periklu u jinħoloq l-inqas inkonvenjent possibbli u biex titpoġġa is-senjaletika neċessarja.

**368.6 Proġetti Fondi tal-UE – Majjistral Action Group**

368.6.1 Is-Sindku preżentat għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill il-pjanti tal-proġetti tat-tisbiġ quddiem il-Kappella ta' San Niklaw, l-area biswit l-outfoor gym u tal-proġett ta' tisbiġ fi Triq Salvu Borg Olivier li jinkludi park tal-klieb, tar-roti u tal-iskating, biex issir l-applikazzjoni għall-fondi tal-Majjistral. Il-capping għal dan l-iskema huwa €50,000. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir l-applikazzjoni fuq dawn il-proġetti.

368.7 **Proposti għall-Immaniġjar tat-Traffiku – Pjazza San Nikola**
Il-proposti jiġu prezentati fis-Seduta li jmiss.

368.8 **Attivitajiet tal-Kunsill:**

368.8.1 **Jum is-Siġġiewi 2019**

Is-Sindku infurmat li bħala parti mill-attivitajiet, il-Kulleġġ San Injazju tas-Siġġiewi ser jagħmlu attivita' ta' tindif fil-lokalita' u talbu lill-Kunsill jidentifika post fejn jista jitnaddaf. L-attivita' ser issir fit-22 ta' Marzu 2019 fin-nofstanhar ta' filgħodu.

368.8.2 **Mixgħela tas-Salib tal-Għolja 2019**

368.8.2.1 Talba mis-Siġġiewi Festival Brass Band
Is-Sindku qalet li rċeviet talba mill-Għaqda biex jagħtu is-sehem tagħhom b'marċi funebri fi Pjazza San Nikola, bħala parti mill-attivitajiet tal-Mixgħela 2019, bi ħlas ta' €700. Din tkun minflok l-attivita' tsal-karnival li kienet issir fis-snin preċedenti. Il-Kunsill qabel unanimament li tidħol bħala parti mill-programm ta' din is-sena.

368.8.2.2 Is-Sindku proponiet li bi ftehim mal-għaqdiet jiġi imfassal fuljett ta' l-attivitajiet kollha relatati mal-Għid li jsiru fis-Siġġiewi u jitqassam fid-djar. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva.

368.8.2.3 Is-Sindku rreferiet għal-laqgħa fuq il-post mal-Uffiċjali tal-Pulizija u l-inġinier geo-tekniku fuq il-sitwazzjoni strutturali tal-għolja, u qalet li peress li ż-żmien għall-attivita' ta' din is-sena huwa limitat, l-aċċess għal ħdejn is-Salib u l-Kappella jibqa bagħluq bħas-sena l-oħra. Hija proponiet li isiru barrikati puliti mad-dawra biex jiġi evitat kull periklu possibbli.

Is-Sindku infurmat li fuq ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport, l-Kurja ser tibda l-proċess tal-applikazzjoni mal-PA.

Is-Sindku talbet lil Viċi-Sindku, bħala l-kordinatur tal-attivita' biex jiltaqa' mal-Arċipriet għall-koordinament tal-pellegrinaġġ, u mal-Pulizija rigward il-logistika ta' sigurta'.

368.9 **Koperazzjoni mal-Malta Rowing Association**

368.9.1 Is-Sindku qalet li rċeviet talba mingħand is-Siġġiewi Rowing Club għal possibilita' li jingħataw spazju fil-bini l-ġdid tal-lattrina ta' Għar Lapsi bħala store għall-apparat sportiv tal-Club. Is-Sindku qalet li hemm parti fil-ġenb tal-binja adatta u li bħalisa m'għandhiex użu. Il-Kunsill unanimament qabel li din il-parti tintuża bħala store tal-Club. Is-Sindku proponiet li jitfasslu sett ta' kundizzjonijiet għall-użu tal-post.

**368.10 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

368.10.1 Il-Viċi Sindku infurma li hemm applikazzjoni biex jinbidlu l-alignments fi Triq Ramija. Huwa propona li l-Kunsill juri l-pożizzjoni tiegħu biex ma jkunx hemm tibdil fil-linji tal-PA.

**368.11 Rapport tal-Korrispondenza**

368.11 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza riċevuta mill-aħħar Seduta sal-lum.

**368.12 Rapport tal-ilmenti**

368.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat rapport tal-ilmenti riċevuti bejn l-aħħar Seduta u llum.

**368.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

368.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

368.13.2 Is-Sindku qalet li l-kont ta' kiri ta' mobile toilets fil-bajja ta' Għar Lapsi minn meta beda x-xogħol tal-lattrina fil-25 ta' Mejju 2019 sat-28 ta' Frar 2019, kien ammonta għal €7268.80, peress li x-xogħol fil-lattrina għadu għaddej. Is-Sindku qalet li l-ispiża żejda dovuta għal dan id-dewmien għandha tiġi imposta fuq il-kuntrattur tal-lattrina ladarba dan qed jonqos mill-obbligi tiegħu. Il-Kunsill unanimament qabel fuq dan.

Is-Sindku proponiet li l-pagamenti jiġu approvati. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**368.14 Items ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

368.14.1 Il-Viċi Sindku qal li qed jidħlu ripetutament ilmenti dwar nuqqas ta' ġbir ta' skart. Huwa qal li dan in-nuqqas ripetut m'għandux jiġi tollerat iktar mill-Kunsill u għandhom jintbagħtu default notices lill-Kuntrattur.

368.14.2 Il-Viċi Sindku ressaq ilment li kull filgħodu fi Triq il-Kbira qed isir ipparkjar f'nofs it-triq mill-ġenituri li jwasslu t-tfal fl-iskola fl-istess triq, u permezz ta' dan jiġi blokkat l-aċċess tat-traffiku għal tul ta' ħin. Din qed toħloq inkonvenjent lir-residenti u lil min irid jgħaddi mit-triq. Huwa propona li jagħmel monitoraġġ biex jara eżatt x'inhu jiġri u jiġu nfurmati l-pulizija fir-rigward għal aktar kontroll.

368.14.3 Il-Kunsillier Mark A. Vassallo talab li ssir manutenzjoni fir-roundabout ta' Triq it-Tabib Nikola Zammit, speċjalment fl-arbli tad-dawl minħabba periklu li jista jkun hemm.

368.14.4 Il-Kunsillier Vassallo qal li hemm ħofra perikoluża fi Triq Mons Mikiel Azzopardi faċċata ta' Triq Bari.

368.14.5 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li hemm bżonn patching immedjat fit-Triq u Sqaq tal-Lewża u Triq Tal-Lawrenti.

368.14.6 Il-Kunsillier Grech qal li hemm arbli tad-dawl f'nofs il-bankina fi triq Mons Mikiel azzopardi, li jgħalqu l-aċċess ta' min ikun miexi fuq il-bankina. Huwa propona li l-Kunsill jagħmel talba lill-Enemalta biex jitressqu.

**368.14.7** Il-Kunsillier Grech qal li qed jidħlu diversi trakkijiet minn Triq Blat il-Qamar u anka l-area tal-Kirċippu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġa hemm tabelli 'no entry to heavy vehicles. Huwa talab li ninfurmaw lil LESA għal infurzar.

**368.14.8** Il-Kunsillier Grech rċieva ilment li l-ficus li qegħda wara l-banka tal-lottu f'Binja Ramija qegħda tgħatti d-dawl tal-bozza u għandha bżonn tinżabar.

**368.14.9** Huwa semma wkoll il-problema tal-qasam fil-widien li qed jagħlaq l-aċċess lill-bdiewa.

**368.14.10** Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li Triq Sta. Margerita qabel triq Ta' Brija niżlet it-triq u jinġema l-ilma meta tagħmel ix-xita.

**368.14.11** Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace qalet li irċeviet talba għal patching fit-triq tal-Ħażżien. Is-Segretarju Eżekuttiv talbitha site plan tat-triq imsemmija.

**368.14.12** Il-Kunsilliera Farrugia Pace ressqet ilment ta' residenta fi triq Manwel Bonnici fil-biċċa d-dejqa, li vannijiet li jgħaddu minn hemm qed ikaxkru mal-faċċata u jagħmlu ħsara. Hija talbet li teħel xi tip ta' bollard.

**368.15 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

368.15.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.00ta' filgħaxija u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 8 t'April 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 8t'April 2019.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |